

Brussell, 7 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14754/21

FISC 237  
ECOFIN 1214

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva  
2006/112/KE fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud  
-Approċċ ġenerali

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tal-approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li ntlaħaq qbil dwaru fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) tas-7 ta' Diċembru 2021.

**[ABBOZZ] DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) .../...**

ta' ...

**li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Ir-regoli dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) kif inhuma stipulati attwalment fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE<sup>3</sup> għandhom l-għan li jippreservaw il-funzjonament tas-suq intern u li jevitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Ir-regoli tfasslu aktar minn għoxrin sena ilu abbażi tal-prinċipju tal-oriġini. Fil-komunikazzjonijiet tagħha tas-7 ta' April 2016 dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT - Lejn żona unika tal-VAT fl-UE - Iż-żmien biex niddeċiedu u tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar is-segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT - Lejn żona unika tal-VAT fl-UE - Wasal iż-żmien li naġixxu, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li taġġusta dawk ir-regoli għal sistema definittiva tal-VAT għall-kummerċ transfruntier (B2B) ta' merkanzija bejn l-Istati Membri li tkun ibbażata fuq it-tassazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.
- (2) B'sistema fejn il-provvista ta' merkanzija u servizzi tkun intaxxata fl-Istat Membru ta' destinazzjoni, il-fornituri ma jieħdu l-ebda benefiċċju jekk ikunu stabbiliti fi Stat Membru li jkollu rati aktar baxxi. B'sistema bħal din, diversità akbar fir-rati tal-VAT ma tfixkilx il-funzjonament tas-suq uniku u lanqas toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. F'dawk iċ-ċirkostanzi jkun xieraq li tingħata aktar flessibilità lill-Istati Membri fl-iffissar tar-rati.

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

- (2a) Il-merkanzija u s-servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa jenħtieġ li jimmiraw lejn il-benefiċċju tal-konsumatur finali u jsegwu objettivi ta' interess ġenerali. Sabiex tiġi evitata kumplessità bla bżonn u żieda sussegwenti fl-ispejjeż tan-negozju, b'mod partikolari għall-kummerċ intra-Komunitarju, jenħtieġ li jkun ċar li ladarba l-merkanzija u s-servizzi jintgħażlu kif xieraq, ir-rati mnaqqsa normalment ikunu applikabbli tul il-katina kummerċjali kollha.
- (2b) Il-qafas legali li jippermetti l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa jenħtieġ li jkun ġeneralment koerenti ma' politiki oħra tal-Unjoni bħar-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014<sup>4</sup> u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>5</sup>. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw rati mnaqqsa fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa tagħhom, huwa xieraq li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi meqjusa bħala essenzjali biex tiġi appoġġata l-provvista tal-kura tas-saħħa u biex jiġu kkompensati u jingħelbu d-diżabbiltajiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jikkontribwixxu għal ekonomija newtrali għall-klima u ekoloġika billi japplikaw rati mnaqqsa fuq provvisti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent filwaqt li, fl-istess ħin, iħejju t-tneħħija gradwali tat-trattament preferenzjali eżistenti ta' provvisti li jagħmlu ħsara lill-ambjent.
- (3) L-Istati Membri kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali u għalhekk għandhom jingħataw l-istess possibbiltajiet biex japplikaw rati mnaqqsa, li madankollu jenħtieġ li tibqa' eċċezzjoni għar-rata standard. Tali trattament ugwali jista' jinkiseb billi l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu japplikaw għall-merkanzija u s-servizzi eliġibbli, fl-imiti definiti, massimu ta' żewġ rati mnaqqsa ta' minimu ta' 5 %, rata mnaqqsa inqas mill-minimu ta' 5 % u eżenzjoni bid-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input.
- (4) B'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' rati mnaqqsa għal raġunijiet baġitarji u l-prinċipju ta' trattament ugwali, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew japplikaw rati mnaqqsa mhux inqas mill-minimu ta' 5 % sa massimu ta' erbgħa u għoxrin punt ta' merkanzija u servizzi elenkati fl-Anness III għad-Direttiva 2006/112/KE. Għall-istess raġuni, l-Istati Membri huma liberi li japplikaw rata mnaqqsa aktar baxxa mill-minimu ta' 5 % u eżenzjoni bid-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input iżda biss għal massimu ta' seba' punti elenkati fl-Anness III, magħżula fost il-merkanzija u s-servizzi kkunsidrati biex ikopru l-ħtiġijiet bażiċi, jiġifieri dawk relatati mal-provvista ta' ikel, ilma, mediċini, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tas-saħħa u l-iġjene, it-trasport ta' persuni u xi oġġetti kulturali (kotba, gazzetti u perjodiċi), jew fost provvisti oħra ta' merkanzija u servizzi elenkati fl-Anness III li għalihom Stati Membri oħra japplikaw rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu ta' 5 % jew eżenzjonijiet bid-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input sakemm jiġu rispettati l-iskadenzi applikabbli. Huwa xieraq li l-Istati Membri li diġà qed japplikaw tali rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jadattaw għal dawk il-limiti.

---

<sup>4</sup> ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1

<sup>5</sup> COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019

- (4a) Huwa xieraq li l-pannelli solari jiġu inklużi fost dawk is-seba' punti f'konformità mal-impenji ambjentali tal-Unjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni u mal-Patt Ekoloġiku kif ukoll biex l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jipromwovu l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli anke permezz ta' rati mnaqqsa tal-VAT. Biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u biex titrawwem l-awtosuffiċjenza tal-Unjoni fir-rigward tal-enerġija, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jitħallew itejbu l-aċċess tal-konsumaturi finali għal sorsi ta' enerġija ekoloġiċi.
- (4b) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe waħda mill-għażliet ta' hawn fuq minn Stat Membru jenħtieġ li jitqies li jikkostitwixxi miżura, inkorporata fil-loġika tas-sistema tar-rati tal-VAT, u adottata għal raġunijiet soċjali definiti b'mod ċar għall-benefiċċju tal-konsumatur finali jew fl-interess ġenerali.
- (4c) Flimkien mar-regoli ġenerali dwar ir-rati tal-VAT, hemm għadd ta' derogi eżistenti li jippermettu lil ċerti Stati Membri japplikaw rati aktar baxxi. Dawk ir-rati aktar baxxi huma ġġustifikati minn karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi jew minn raġunijiet soċjali li huma għall-benefiċċju tal-konsumatur finali jew fl-interess ġenerali. Rati aktar baxxi bħal dawn jistgħu jkunu rilevanti għal Stati Membri oħra. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali, huwa għalhekk xieraq li tiġi prevista għażla, miftuħa għall-Istati Membri kollha, li jiġu applikati rati aktar baxxi għall-istess merkanzija u servizzi bħal dawk li għalihom japplikaw rati aktar baxxi fi Stati Membri oħra u taħt l-istess kondizzjonijiet. Sabiex jikkonformaw mal-limitu massimu ta' seba' punti ta' hawn fuq, l-Istati Membri li kienu qed japplikaw tali rati aktar baxxi għal aktar minn seba' punti ta' provvisti ta' merkanzija u servizzi elenkati fl-Anness III, fl-1 ta' Jannar 2021 jenħtieġ li jillimitaw l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa li huma inqas mill-minimu ta' 5 % u ta' eżenzjonijiet bid-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input għal seba' punti tal-Anness III sal-1 ta' Jannar 2032 jew saż-żmien tal-adozzjoni tal-arranġamenti definittivi, skont liema jiġi l-ewwel. L-emendi msemmija hawn fuq ma jaffettwawx l-arranġamenti għal derogi li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet mingħajr id-dritt li titnaqqas il-VAT mogħtija fl-Anness X għad-Direttiva 2006/112/KE.
- (4d) Barra minn hekk, għadd ta' derogi oħra bħalissa jippermettu lil ċerti Stati Membri japplikaw rati mnaqqsa mhux inqas minn 12 % għal merkanzija u servizzi mhux elenkati fl-Anness III. Minħabba l-prossimità f'termini tal-livell ta' dawk ir-rati mnaqqsa għar-rata standard u f'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali, huwa xieraq li tiġi prevista għażla, miftuħa għall-Istati Membri kollha, li jiġu applikati rati mnaqqsa mhux inqas minn 12 % għall-istess merkanzija u servizzi bħal dawk li għalihom jiġu applikati rati mnaqqsa ta' mhux inqas minn 12 % fi Stati Membri oħra u taħt l-istess kondizzjonijiet.

- (4e) Rati mnaqqsa ta' mhux inqas minn 12 % fuq provvisti ta' merkanzija u servizzi mhux elenkati fl-Anness III, rati mnaqqsa ta' inqas minn 5 % u eżenzjonijiet bid-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input fuq kwalunkwe punt tal-Anness III minbarra l-punti (1) sa (6) u (10c), jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri oħra inkluż Stati Membri li attwalment japplikaw rati mnaqqsa u eżenzjonijiet u jixtiequ japplikaw rati mnaqqsa mhux aktar baxxi minn 12 % fuq il-provvisti ta' merkanzija u servizzi mhux elenkati fl-Anness III, rati mnaqqsa ta' inqas minn 5 % jew eżenzjonijiet bid-dritt li titnaqqas il-VAT tal-input minbarra dawk li huma japplikaw bħalissa, sakemm tiġi rispettata l-istruttura tar-rati tal-VAT prevista f'din id-direttiva u l-kondizzjonijiet applikati mill-Istati Membri b'rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.
- (4f) L-Istati Membri li kienu qed japplikaw rati mnaqqsa jew kienu qed jagħtu eżenzjonijiet bid-dritt li jnaqqsu l-VAT tal-input abbażi ta' derogi fl-1 ta' Jannar 2021 jenħtieġ li jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT id-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet ewlenin tad-derogi fil-liġi nazzjonali tagħhom, applikati fl-1 ta' Jannar 2021 u li l-aċċess għalihom ser jinfetħ għal Stati Membri oħra. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u jkun hemm aċċess ugwali għal dawk id-derogi għall-Istati Membri kollha u abbażi tal-informazzjoni pprovduta sal-iskadenza stabbilita mill-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni ser ttejj u tqassam lill-Istati Membri kollha rapport b'lista sħiħa tal-merkanzija u s-servizzi li għalihom jiġu applikati tali rati mnaqqsa jew eżenzjonijiet minnufih wara li tirċievi l-informazzjoni. Il-konformità mal-iskadenza għall-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom aċċess ugwali għad-derogi.
- (4g) Abbażi tal-informazzjoni mqassma mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw rati mnaqqsa u eżenzjonijiet bid-dritt li titnaqqas il-VAT fuq il-provvisti ta' merkanzija u servizzi li fuqhom Stati Membri oħra japplikaw tali rati u eżenzjonijiet dment li jiġu applikati rati mnaqqsa u eżenzjonijiet bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk applikabbli fl-Istati Membri li diġà japplikaw dawk ir-rati u l-eżenzjonijiet. Għall-eżerċizzju ta' dawk l-għażliet, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw regoli dettaljati u jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet adottati lill-Kumitat tal-VAT. Abbażi ta' dik il-komunikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Kunsill b'lista komprensiva li tindika l-merkanzija u s-servizzi li l-Istati Membri japplikaw rati mnaqqsa u eżenzjonijiet għalihom.

- (5) Meta titqies il-ħtieġa li tiġi modernizzata u aġġornata l-lista ta' merkanzija u servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa, jenħtieġ li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata biex tippermetti l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa għal objettivi speċifiċi tal-politika soċjali, biex tiġi żgurata ċ-ċarezza, u biex jittieħed kont tal-prinċipju tan-newtralità, jiġifieri, billi jiġi żgurat l-istess trattament, f'termini ta' rati tal-VAT, għall-kiri jew il-lokazzjoni u l-provvista ta' ċertu merkanzija.
- (5a) Barra minn hekk, biex l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn l-użu ta' sistemi tat-tisħin li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u f'konformità mal-impenji ambjentali tal-Unjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni, fl-Anness III hemm inkluzja wkoll il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw rata mnaqqsa fuq il-provvista u l-installazzjoni ta' sistemi tat-tisħin b'emissjonijiet baxxi u effiċjenti ħafna li jissodisfaw il-kriterji tal-leġislazzjoni ambjentali.
- (5b) Id-diġitalizzazzjoni għandha rwol ewlieni fil-ħolqien tal-valur u fit-trawwim tal-kompetittività. L-Indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali (DESI) ikejje u jikklassifika l-prestazzjoni diġitali tal-Istati Membri abbażi ta' indikaturi predefiniti li juru diskrepanzi sinifikanti fir-rigward tal-iżvilupp diġitali. Sabiex tingħeleb il-kopertura fqira tas-servizzi tal-aċċess għall-internet u bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw rata mnaqqsa għal servizzi bħal dawn. L-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa għas-servizzi tal-aċċess għall-internet jenħtieġ li tkun imfassla għall-objettivi stabbiliti fil-politika nazzjonali dwar id-diġitalizzazzjoni u għaldaqstant limitata fil-kamp ta' applikazzjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2015/2120<sup>6</sup>, is-servizzi tal-aċċess għall-internet jipprovdu konnettività iżda ma jestendux għall-kontenut ipprovdut permezz tal-internet.
- (5c) Barra minn hekk, fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jipprevedu l-istess trattament għall-attivitajiet, inkluż avvenimenti, li jixxandru bi streaming dirett bħal dawki, meta wieħed jattendi għalihom fiżikament, ikunu eliġibbli għal rati mnaqqsa.
- (5d) Sabiex tiġi żgurata tassazzjoni fl-Istat Membru tal-konsum, huwa meħtieġ li s-servizzi kollha li jistgħu jiġu furnuti lil klijent b'mezzi elettroniċi jkunu taxxabli fil-post fejn ikun stabbilit il-klijent, fejn ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn normalment ikun residenti. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu modifikati r-regoli li jirregolaw il-post tal-provvista tas-servizzi relatati ma' tali attivitajiet.
- (6) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li fil-każ ta' organizzazzjonijiet iddedikati għall-benesseri soċjali huma l-attività ġenerali u l-objettivi tal-organizzazzjoni kollha kemm hi, indipendentement mill-benefiċjarju finali tal-provvista ta' merkanzija jew servizzi, li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu vvalutati r-reqwiziti għall-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa.

<sup>6</sup> Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u tariffi bl-imnut għal komunikazzjonijiet intra-UE regolati u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1).

- (6a) Barra minn hekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata sabiex tippermetti l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa f'għadd limitat ta' sitwazzjonijiet speċifiċi għal raġunijiet soċjali, għall-benefiċċju tal-konsumatur finali u biex jintlaħaq objettiv ta' interess ġenerali. Għalhekk, il-lista ta' merkanzija u servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa hija estiża biex tinkludi għadd limitat ta' derogi eżistenti bħal dawn.
- (7) Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li hemm bżonn li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi adattata biex il-qafas legali jkun lest biex jindirizza kriżijiet futuri u għalhekk biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal pandemiji, kriżijiet umanitarji jew diżastri naturali. Għal dan il-għan, taħt l-istess kondizzjonijiet, l-Istati Membri li kienu awtorizzati mill-Kummissjoni biex japplikaw eżenzjoni mill-VAT fuq merkanzija importata għall-benefiċċju ta' vittmi ta' diżastri, għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw eżenzjoni bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti fir-rigward tal-provvisti intra-UE u domestiċi ta' dik il-merkanzija u ta' servizzi relatati ma' tali merkanzija lill-korpi eliġibbli għalih biex ikunu jistgħu jgħinu lill-vittmi ta' tali diżastri. Jekk il-kondizzjonijiet għall-eżenzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati, il-forniment ta' tali merkanzija u servizzi jenħtieġ li jkun soġġett għall-VAT.
- (8) Peress li l-għan ewlieni ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-aġġornament tal-lista ta' merkanzija u servizzi eliġibbli għal rati mnaqqsa u l-istabbiliment tar-raġunijiet biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom aċċess ugwali għall-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-limitazzjonijiet eżistenti, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (9) Id-Direttiva 2006/112/KE ġiet emendata mid-Direttiva (UE) 2020/285<sup>7</sup>. Minħabba l-istruttura differenti tar-rati tal-VAT prevista f'din id-Direttiva emendatorja, ir-referenzi fid-Direttiva (UE) 2020/285 jeħtieġ li jiġu emendati.
- (10) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<sup>8</sup>, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija ġustifikata.
- (11) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata skont dan,

<sup>7</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

<sup>8</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Emendi għad-Direttiva 2006/112/KE*

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 94 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rata applikabbli għall-importazzjoni ta' merkanzija għandha tkun dik applikata għall-provvista ta' merkanzija simili fit-territorju tal-Istat Membru.";

b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li japplikaw rata standard għall-provvista ta' xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet elenkati fl-Anness IX, il-Partijiet A, B u C, jistgħu japplikaw rata mnaqqsa għall-importazzjoni ta' dik il-merkanzija fit-territorju tal-Istat Membru.";

(2) L-Artikolu 98 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 98*

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw massimu ta' żewġ rati mnaqqsa.

Ir-rati mnaqqsa għandhom jiġu ffixxati bħala persentaġġ tal-ammont taxxabli li m'għandux ikun inqas minn 5 % u għandhom japplikaw biss għal provvisti tal-kategoriji ta' merkanzija u servizzi speċifikati fl-Anness III.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-rati mnaqqsa għal massimu ta' erbgħa u għoxrin punt ta' provvisti ta' merkanzija u servizzi elenkati fl-Anness III.

2. L-Istati Membri jistgħu, flimkien maż-żewġ rati mnaqqsa, japplikaw rata mnaqqsa aktar baxxa mill-minimu ta' 5 % u eżenzjoni bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti għal massimu ta' seba' punti ta' provvisti ta' merkanzija u servizzi elenkati fl-Anness III.

Ir-rata mnaqqsa aktar baxxa mill-minimu ta' 5 % u l-eżenzjoni bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju ta' qabel l-adeżjoni jistgħu jiġu applikati biss għall-punti li ġejjin tal-Anness III:

- a) il-punti (1), (2), (3), (4), (5), (6) u (10c);
- b) kwalunkwe punt ieħor tal-Anness III li jaqa' taħt l-għażliet previsti fl-Artikolu 105a(1).

Għall-finijiet tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw l-akkomodazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105a(1) għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-punt (10) tal-Anness III.

L-Istati Membri li japplikaw, fl-1 ta' Jannar 2021, rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu ta' 5 % jew li jagħtu eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju ta' qabel għal aktar minn seba' punti ta' merkanzija jew servizzi elenkati fl-Anness III, għandhom jillimitaw l-applikazzjoni tagħhom biex jikkonformaw mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu sal-1 ta' Jannar 2032 jew bl-adozzjoni tal-arranġamenti definittivi msemmija fl-Artikolu 402, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddeterminaw għal liema punti jew kategoriji ta' provvisti ta' merkanzija jew servizzi ser ikompli japplikaw dawk ir-rati mnaqqsa u/jew jagħtu dawk l-eżenzjonijiet.

3. Ir-rati mnaqqsa u l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal servizzi pprovduti elettronikament, ħliet għal dawk elenkati taħt il-punti (6), (7), (8) u (13) tal-Anness III.

4. Meta japplikaw ir-rati mnaqqsa u l-eżenzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw in-Nomenklatura Magħquda u/jew il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Prodotti skont l-Attività biex jistabbilixxu l-kopertura preċiża tal-kategorija kkonċernata.";

(3) L-Artikolu 99 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 99*

Ir-rati mnaqqsa u l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 98(1) u (2) ma għandhomx japplikaw għal provvisti ta' xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitaljiet li għalihom qed jiġu applikati l-arranġamenti speċjali tal-Kapitolu 4 tat-Titolu XII.";

- (4) L-Artikolu 100 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*"Artikolu 100*

Sal-31 ta' Diċembru 2028 u kull ħames snin minn din id-data, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Kunsill dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness III, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, fejn meħtieġ.";

- (4a) Fil-Kapitlu 2 tat-Titlu VIII, tiddaħħal it-Taqsima li ġejja:

"Taqsim 2a  
Sitwazzjonijiet eċċezzjonali

Artikolu 101a

1. Fejn tkun ingħatat awtorizzazzjoni lil Stat Membru mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 53, l-ewwel paragrafu, tad-Direttiva 2009/132/KE<sup>9</sup> biex tiġi applikata eżenzjoni fuq merkanzija importati għall-benefiċċju ta' vittmi ta' diżastri, dak l-Istat Membru jista' jagħti eżenzjoni bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti taħt l-istess kondizzjonijiet, fir-rigward tal-akkwisti intra-Komunitarji u l-provvista ta' dik il-merkanzija u ta' servizzi relatati ma' tali merkanzija, inkluż servizzi ta' kiri.

2. Stat Membru li jixtieq japplika l-miżura msemmija fil-paragrafu 1 għandu jinforma lill-Kumitat tal-VAT.

3. Meta merkanzija jew servizzi akkwistati mill-organizzazzjonijiet li jibbenefikaw mill-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jintużaw għal finijiet oħra għajr dawk previsti fil-Kapitlu 4 tat-Titolu VIII tad-Direttiva 2009/132/KE, l-użu ta' tali merkanzija jew servizzi għandu jkun soġġett għall-VAT skont il-kondizzjonijiet applikabbli fil-mument meta l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ma jibqgħux issodisfati.

- (5) L-Artikoli 101, 102, 103, 104a u 105 jitħassru;

---

<sup>9</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 5).

(5a) L-Artikolu 104 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 104

1. L-Awstrija tista', fil-komuni ta' Jungholz u Mittelberg (Kleines Walsertal), tapplika it-tieni rata normali li tkun aktar baxxa mir-rata korrispondenti applikata fil-kumpliment tal-Awstrija imma mhux anqas minn 15 %.
2. Il-Greċja tista' tapplika rati sa 30 % aktar baxxi mir-rati korrispondenti applikati fil-Greċja kontinentali fid-dipartimenti ta' Lesbos, Chios, Samos, id-Dodecanese u s-Cyclades, u fuq il-gżejjer ta' Thassos, l-Isporades tat-Tramuntana, Samothrace u Skiros.
3. Il-Portugall jista', fil-każ tat-tranżazzjonijiet imwettqa fir-reġjuni awtonomi tal-Azores u ta' Madeira u fil-każ tal-importazzjoni diretta f'dawk ir-reġjuni, japplika rati aktar baxxi minn dawk li japplikaw fil-pajjiż kontinentali.
4. Il-Portugall jista' japplika waħda miż-żewġ rati mnaqqsa previsti fl-Artikolu 98(1) għannollijiet fuq il-pontijiet fiż-żona ta' Lisbona.";

(5b) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 105a

1. L-Istati Membri li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fl-1 ta' Jannar 2021 kienu qed japplikaw rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 98(1) jew kienu qed jagħtu eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti, għall-provvista tal-merkanzija jew is-servizzi elenkati fil-punti minbarra l-punti (1) sa (6) u (10c) tal-Anness III, jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 98(2), ikomplu japplikaw dawk ir-rati mnaqqsa jew jagħtu dawk l-eżenzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fl-1 ta' Jannar 2021 kienu qed japplikaw rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 98(1) għal tranżazzjonijiet li jikkonċernaw akkomodazzjonijiet li ma jkunux parti minn politika soċjali, jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 98(2), ikomplu japplikaw dawk ir-rati mnaqqsa.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk ir-rati mnaqqsa u l-eżenzjonijiet relatati mal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 98(2) mhux aktar tard minn ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 98(1), jew eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri oħra, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 98(2), għall-istess provvisti ta' merkanzija u/jew servizzi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk applikabbli fl-1 ta' Jannar 2021 fl-Istati Membri msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. L-Istati Membri li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fl-1 ta' Jannar 2021 kienu qed japplikaw rati mnaqqsa aktar baxxi minn 12 %, inkluż rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 98(1) jew kienu qed jagħtu eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti, għall-provvista ta' merkanzija jew servizzi elenkati fl-Anness III, jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 98(1) u (2), ikomplu japplikaw dawk ir-rati mnaqqsa jew jagħtu dawk l-eżenzjonijiet sal-1 ta' Jannar 2032 jew sal-adozzjoni tal-arranġamenti definittivi msemmija fl-Artikolu 402, skont liema minnhom isseħħ l-ewwel, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

3. L-Istati Membri li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fl-1 ta' Jannar 2021 kienu qed japplikaw rati mnaqqsa ta' mhux inqas minn 12 % għall-provvista ta' merkanzija jew servizzi għajr dawk elenkati fl-Anness III, jistgħu, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 98(1), ikomplu japplikaw dawk ir-rati mnaqqsa, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati mnaqqsa mhux aktar tard minn ... [tlit xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, rati mnaqqsa ta' mhux inqas minn 12 % jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri oħra, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 98(1), għall-istess merkanzija u/jew servizzi taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jibdew japplikaw fl-1 ta' Jannar 2021 fl-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, ir-rati mnaqqsa jew l-eżenzjonijiet fuq il-fjuwils fossili, oġġetti oħra b'impatt simili fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, bħall-pit, u l-injam użat bħala ħatab għan-nar għandhom jieqfu japplikaw sal-1 ta' Jannar 2030, u fuq il-pestiċidi kimiċi u l-fertilizzanti kimiċi, għandhom jieqfu milli japplikaw sal-1 ta' Jannar 2032.

5. L-Istati Membri li, f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 105b, jixtiequ japplikaw ir-rati mnaqqsa ta' mhux inqas minn 12 %, ir-rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 98(1), jew l-eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti, sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], għandhom jadottaw ir-regoli dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawk l-opzjonijiet u jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw.

6. Sal-1 ta' Lulju 2025, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport b'lista komprensiva li tindika l-merkanzija u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 105b li għalihom japplikaw ir-rati mnaqqsa fl-Istati Membri, inkluż ir-rati mnaqqsa aktar baxxi mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 98(1), jew l-eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti.";

(5c) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 105b

L-Istati Membri li, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fl-1 ta' Jannar 2021 kienu qed japplikaw rati mnaqqsa mhux inqas mill-minimu ta' 5 % għal tranżazzjonijiet li jikkonċernaw akkomodazzjoni li ma tkunx parti minn politika soċjali, jistgħu, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 98(1), ikomplu japplikaw dawk ir-rati mnaqqsa. F'każ bħal dan, ir-rata mnaqqsa li tiġi applikata għal tali tranżazzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2042 ma għandhiex tkun inqas minn 12 %.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kumitat tal-VAT it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati mnaqqsa mhux aktar tard minn ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Rata mnaqqsa ta' mhux inqas minn 12 % tista' tiġi applikata minn Stati Membri oħra, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 98(1), għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jibdew japplikaw fl-1 ta' Jannar 2021 fl-Istati Membri msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 98(1), it-tranżazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-punt (10) tal-Anness III.";

(6) fit-Titolu VIII, il-Kapitolu 4 jitħassar;

(7) fit-Titolu VIII, il-Kapitolu 5, l-Artikoli 123, 125, 128 u 129 jitħassru;

- (8) fl-Artikolu 316, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "1. F'każ li ma tkun ġiet applikata l-ebda rata mnaqqsa fuq ix-xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet ikkonċernati forniti lil jew impurtati min-negozjant taxxabbli, l-Istati Membri għandhom jagħtu lin-negozjanti taxxabbli d-dritt li jagħżlu li japplikaw l-iskema ta' marġni għat-tranżazzjonijiet li ġejjin:
- a) il-provvista ta' xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet, li n-negozjant taxxabbli jkun importa huwa stess;
- b) il-provvista ta' xogħlijiet tal-arti pprovduti lin-negozjant taxxabbli mill-awturi tagħhom jew is-suċċessuri tagħhom fit-titlu;
- c) il-provvista ta' xogħlijiet tal-arti pprovduti lin-negozjant taxxabbli minn persuna taxxabbli li ma tkunx negozjant taxxabbli.";
- (9) fl-Artikolu 387, il-punt (c) jitħassar;
- (9a) it-titolu tal-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "Lista ta' provvista ta' merkanzija u servizzi li għalihom jistgħu japplikaw ir-rati mnaqqsa u l-eżenzjoni bit-tnaqqis tal-VAT msemmija fl-Artikolu 98";
- (10) L-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Direttiva;
- (10a) fl-Artikolu 53, jiżdied il-paragrafu li ġej:
- "Dan l-Artikolu ma għandux japplika fir-rigward tal-ammissjoni għall-avvenimenti msemmija fl-ewwel paragrafu fejn l-attendenza tkun virtwali.";
- (10b) fl-Artikolu 54(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
- "Fejn is-servizzi huma relatati ma' attivitajiet li jixxandru jew li jkunu magħmula disponibbli virtwalment, il-post tal-provvista għandu madankollu jkun fil-post fejn il-persuna mhux taxxabbli hija stabbilita, għandha l-indirizz permanenti tagħha jew normalment tirisjedi.";
- (10c) fl-Artikolu 59a, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "Sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, in-nontassazzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tas-servizzi li l-post tal-provvista tagħhom hu rregolat mill-Artikoli 44, 45, 54 (1), it-tieni subparagrafu, 56, 58 u 59:";

(10d) fl-Artikolu 81, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri li, mill-1 ta' Jannar 1993, ma kinux qed jagħmlu użu mill-għażla skont l-Artikolu 98 li japplikaw rata mnaqqa jistgħu, jekk jagħmlu użu mill-għażla skont l-Artikolu 89, jipprevedu li fir-rigward tal-provvista ta' xogħlijiet tal-arti, kif imsemmija fil-punt (26) tal-Anness III, l-ammont taxxabli għandu jkun daqs frazzjoni tal-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikoli 73, 74, 76, 78 u 79.";

(10e) fl-Artikolu 221, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri jistgħu jeħilsu persuni taxxabli mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 220(1) jew fl-Artikolu 220a li joħorġu fattura fir-rigward ta' provvisti ta' merkanzija jew servizzi li jkunu għamli fit-territorju tagħhom u li jkunu eżentati, bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti jew mingħajrha, skont l-Artikolu 98(2), l-Artikolu 105a, l-Artikolu 132, il-punti (h) sa (l) tal-Artikolu 135(1), l-Artikoli 136, 371, 375, 376 u 377, l-Artikolu 378(2) u l-Artikolu 379(2) u l-Artikoli 380 sa 390c.";

(10f) fl-Artikolu 288, l-ewwel subparagrafu, il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) il-valur tat-tranżazzjonijiet li huma eżentati, bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti, skont l-Artikolu 98(2) jew l-Artikolu 105a;"

## Artikolu 2

### Emendi għad-Direttiva (UE) 2020/285

Fl-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2020/285, il-punt 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(15) l-Artikolu 288 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### "Artikolu 288

1. Il-fatturat annwali li jservi bħala referenza għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 284 għandu jikkonsisti mill-ammonti li ġejjin, mingħajr VAT:

- (a) il-valur tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi, sakemm dawn ikunu ntaxxati li kieku kienu pprovduti minn persuna taxxabli mhux eżentata;
- (b) il-valur tat-tranżazzjonijiet li huma eżentati, bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti, skont l-Artikolu 98(2) jew l-Artikolu 105a;
- (c) il-valur tat-tranżazzjonijiet li huma eżentati skont l-Artikoli 146 sa 149 u l-Artikoli 151, 152 u 153;
- (d) il-valur tat-tranżazzjonijiet li huma eżentati skont l-Artikolu 138 fejn tapplika l-eżenzjoni prevista f'dak l-Artikolu;
- (e) il-valur tat-tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli, it-tranżazzjonijiet finanzjarji kif imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 135(1), u s-servizzi tal-assigurazzjoni u tarriassigurazzjoni, dment li daww it-tranżazzjonijiet ma jkunux tranżazzjonijiet anċillari.

2. Id-disponimenti tal-assi kapitali tanġibbli jew intanġibbli ta' persuna taxxabli ma għandhomx jitqiesu għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-fatturat imsemmi fil-paragrafu 1."

### *Artikolu 3*

#### *Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sal-31 ta' Diċembru 2024 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1, il-punti 1, 3, 5 fir-rigward tat-tfassir tal-Artikolu 103 tad-Direttiva 2006/112/KE, 8, 10a, 10b u l-Artikolu 2.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2025.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-Anness III, il-punti (7) u (13), relatati mal-aċċess għal streaming dirett ta' avvenimenti jew żjarat koperti minn dawk il-punti, u l-punt (26) mill-1 ta' Jannar 2025.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

### *Artikolu 3a*

Abbażi ta' valutazzjoni tal-possibbiltà li jintużaw soluzzjonijiet li jibqgħu validi għall-futur li jkunu adattati għall-era diġitali u allinjati mal-oġettiv ta' sistema tal-VAT ibbażata fuq id-destinazzjoni, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tressaq proposta leġislattiva biex temenda d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva sa fejn hija kkonċernata l-iskema ta' marġni stipulata fil-Kapitolu 4 tat-*Titolu XII* tad-Direttiva 2006/112/KE.

*Artikolu 4*

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

*L-Anness III għad-Direttiva 2006/112/KE huwa emendat kif ġej:*

1. Il-punti 3, 4, 5, 6, 7, 8, 10, 10a, 11, 13, 15, 18 u 19 huma sostitwiti b'dan li ġej:

(3) Prodotti farmaċewtiċi użati għal skopijiet mediċi u veterinarji, inkluż prodotti użati għall-kontraċezzjoni u għall-protezzjoni sanitarja tan-nisa, u prodotti assorbenti tal-iġjene;

(4) Tagħmir, apparat, dispożittivi, oġġetti, għajnuniet u tagħmir protettiv mediċi, inkluż maskri għall-protezzjoni tas-saħħa, normalment maħsuba biex jintużaw fil-kura tas-saħħa jew biex jintużaw mill-persuni b'diżabbiltà, oġġetti essenzjali biex jikkumpensaw għal diżabbiltà jew jegħlbuha, kif ukoll l-adattament, it-tiswija, il-kiri u l-lokazzjoni ta' dawn l-oġġetti;

(5) It-trasport ta' passiġġieri u t-trasport ta' oġġetti li jkollhom magħhom, bħal bagalji, roti, inkluż roti elettriċi, vetturi bil-mutur jew vetturi oħra, jew il-provvista ta' servizzi relatati mat-trasport tal-passiġġieri;

(6) Il-provvista, inkluż b'self mil-libreriji, ta' kotba, gazzetti u rivisti jew fuq mezzi ta' appoġġ fiżiku jew ipprovduti elettronikament jew it-tnejn (inkluż opuskoli, fuljetti u oġġetti simili stampati, kotba għat-tfal bl-istampi, tat-tpinġija jew tat-tpinġija bil-kulur, mużika stampata jew f'forma ta' manuskritt, mapep u mapep idrografiċi jew mapep simili), għajr pubblikazzjonijiet iddedikati kollha kemm huma jew b'mod sostanzjali għar-reklamar u għajr pubblikazzjonijiet li jikkonsistu kollha kemm huma jew b'mod sostanzjali minn kontenut f'forma ta' vidjo jew mużika; il-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u servizzi relatati ma' tali produzzjoni;

(7) Id-dħul għal wirjiet, teatri, ċirki, fieri, parks tad-divertiment, kunċerti, mużewijiet, zoos, ċinemas, wirjiet u avvenimenti u faċilitajiet kulturali simili, u l-aċċess għal streaming dirett ta' dawn l-avvenimenti jew iż-żjarat, jew it-tnejn li huma;

(8) Ir-riċeviment ta' servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni u webcasting tal-istess programmi pprovduti minn fornitur ta' servizz tal-media; servizzi ta' aċċess għall-internet ipprovduti bħala parti minn politika ta' diġitalizzazzjoni, definita mill-Istati Membri;

(10) Il-provvista u l-kostruzzjoni ta' djar, bħala parti minn politika soċjali, kif definita mill-Istati Membri; ir-rinnovazzjoni u l-alterazzjoni, inkluż id-demolizzjoni u r-rikostruzzjoni, u t-tiswija ta' djar u abitazzjonijiet privati; il-kiri ta' proprjetà immobbli għal użu residenzjali;

(10a) Il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku u bini ieħor użat għal attivitajiet fl-interess pubbliku;

(11) Il-provvista ta' merkanzija u servizzi ta' tip normalment maħsuba biex jintużaw fil-produzzjoni agrikola iżda li jeskludu beni kapitali bħal makkinarju jew bini; u, sal-1 ta' Jannar 2032, il-provvista ta' pestiċidi kimiċi u fertilizzanti kimiċi;

(13) Id-dħul għal avvenimenti sportivi jew l-aċċess għal streaming dirett ta' dawn l-avvenimenti jew it-tnejn li huma; l-użu ta' faċilitajiet sportivi, u l-provvista ta' klassijiet tal-isport jew tal-eżerċizzju fiżiku anke meta jixxandru b'mod dirett;

(15) Il-provvista ta' merkanzija u servizzi minn organizzazzjonijiet impenjati f'xogħol ta' assistenza soċjali jew ta' sigurtà soċjali kif definit mill-Istati Membri u rikonoxxuti bħala ddedikati għall-benesseri soċjali mill-Istati Membri, sakemm daww it-tranżazzjonijiet mhumiex eżentati skont l-Artikoli 132, 135 u 136;

(18) Il-provvista ta' servizzi pprovduti b'rabta mad-drenaġġ, it-tindif tat-toroq, il-ġbir taż-żibel u t-trattament jew ir-riċiklaġġ tal-iskart, għajr il-provvista ta' dawn is-servizzi mill-korpi msemmija fl-Artikolu 13;

(19) Il-provvista ta' servizzi ta' tiswija ta' apparat domestiku, żraben u oġġetti tal-ġilda, ħwejjeġ u bjankerija tad-dar (inkluż it-tiswija u l-alterazzjoni);

## 2. Jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

(10c) Il-provvista u l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq u maġenb djar privati, akkomodazzjoni u bini pubbliku u bini ieħor użat għal attivitajiet fl-interess pubbliku;

(11a) Ekwini hājjin u l-provvista ta' servizzi relatati ma' ekwini hājjin;

## 3. Jiżdiedu l-punti li ġejjin:

(22) Il-provvista tal-elettriku, tat-tiħin distrettwali u tat-tkessiħ distrettwali, u tal-bijogass prodott mill-feedstock elenkat fil-Parti A tal-Anness IX għad-Direttiva 2018/2001; il-provvista u l-installazzjoni ta' sistemi tat-tiħin b'emissjonijiet baxxi b'effiċjenza għolja li jissodisfaw il-valuri referenzjarji tal-emissjonijiet (PM) stipulati fl-Anness V għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1189 u fl-Anness V għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1185 rispettivament u li jkunu ngħataw tikketta tal-enerġija tal-UE li turi li l-kriterju msemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1369 huwa ssodisfat; u, sal-1 ta' Jannar 2030, gass naturali u njam użat bħala ħatab għan-nar;

(23) Pjanti hājjin u prodotti oħra tal-florikultura, inkluż basal, qoton, għeruq u affarijiet simili, fjuri maqtugħa u weraq ornamentalni;

(24) Ilbies u żraben tat-tfal; il-provvista ta' siġġijiet tat-tfal tal-karozza;

(25) Il-provvista ta' roti, inkluż roti elettriċi; servizzi ta' kiri u ta' tiswija ta' dawn ir-roti;

(26) Il-provvista ta' xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet elenkati fl-Anness IX, il-Partijiet A, B u C;

(27) Servizzi legali pprovduti lil persuni li jkollhom kuntratt tax-xogħol u lil persuni qiegħda li jkunu involuti fi proċedimenti tat-Tribunal Industrijali, u servizzi legali pprovduti taħt l-iskema ta' għajnuna legali, kif definit mill-Istati Membri;

(28) Għodod u tagħmir ieħor ta' tip normalment maħsub biex jintuża f'servizzi ta' salvataġġ jew tal-ewwel għajnuna meta jiġu pprovduti lil korpi pubbliċi jew lil organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ attivi fil-protezzjoni ċivili jew komunitarja;

(29) Il-provvista ta' servizzi b'rabta mat-tħaddim ta' bastimenti tad-dwal, fanali jew għajnuniet navigazzjonali oħra u servizzi ta' salvataġġ inkluż l-organizzazzjoni u ż-żamma tas-servizz tad-dgħajjes ta' salvataġġ;

#### 4. Jitħassar il-punt 14.

---

---